Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Novembru 2018**
**(OR. en)**

**14448/18**

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2016/0364(COD)**
**2016/0360(COD)**
**2016/0361(COD)**
**2016/0362(COD)**

**EF 296**
**ECOFIN 1078**
**DRS 52**
**CCG 39**
**CODEC 2050**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Il-Pakkett Bankarju (CRR/CRD/BRRD/SRMR)<br>- Approvazzjoni ġenerali tar-riżultati tat-trilogi |

## I. INTRODUZZJONI

1. F'Novembru 2016 il-Kummissjoni ppreżentat il-Pakkett Bankarju biex fost l-oħrajn timplimenta r-riformi miftiehma f'livell internazzjonali wara l-kriżi finanzjarja 2007-08. Il-Pakkett jinkludi standards prudenzjali adottati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB). L-għan ewlieni tal-Pakkett Bankarju huwa li jnaqqas ir-riskju għall-industrija bankarja tal-UE.

2. Il-Pakkett Bankarju huwa magħmul minn żewġ regolamenti u żewġ direttivi marbuta ma':

   a) ir-rekwiżiti dwar il-kapital bankarju u l-likwidità (emendi għar-regolament 575/2013 ("CRR") u d-direttiva 2013/36/UE ("CRD"));

   b) l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek (emendi għad-direttiva 2014/59/UE ("BRRD") u r-regolament 806/2014 ("SRMR").

3. Fil-25 ta' Mejju 2018, il-Kunsill qabel dwar il-mandat tiegħu biex jinbdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew ikkonferma l-pożizzjoni tiegħu dwar il-Pakkett Bankarju fil-plenarja ta' Ġunju 2018. Minn dakinhar, saru 13-il trilogu (sebgħa dwar is-CRR/CRD u sitta dwar il-BRRD/SRMR).

4. Fit-trilogi tal-21 u t-22 ta' Novembru, il-Presidenza Awstrijaka u l-Parlament Ewropew qablu "ad referendum" li jsolvu għadd ta' kwistjonijiet ewlenin, mingħajr preġudizzju għall-finalizzazzjoni teknika tat-test legali kollu kemm hu fi stadju aktar tard.

5. Fit-30 ta' Novembru, il-COREPER iltaqa' biex iħejji l-Kunsill ECOFIN tal-4 ta' Diċembru.

6. Ftehim dwar il-kwistjonijiet ewlenin tal-Pakkett Bankarju jkun pass kbir 'il quddiem fil-proċess għat-tnaqqis tar-riskju fis-settur bankarju tal-UE. It-tnaqqis tar-riskju, min-naħa tiegħu, huwa prekondizzjoni għal passi ulterjuri tal-kondiviżjoni tar-riskji fl-Unjoni Bankarja tal-UE skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2016.

7. F'Diċembru 2018, il-Kunsill Ewropew ser jeżamina l-progress li sar s'issa fuq it-tnaqqis tar-riskji fl-industrija bankarja tal-UE u jista' jiddeċiedi dwar passi speċifiċi li għandhom jittieħdu, speċifikament rigward l-implimentazzjoni bikrija ta' garanzija ta' kontinġenza għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

## II. RIŻULTAT TAT-TRILOGI TAL-21 U TAT-22 TA' NOVEMBRU: KWISTJONIJIET EWLENIN

8. B'riżultat tat-trilogi tal-21 u tat-22 ta' Novembru, il-Presidenza waslet għal ftehim "ad referendum" mal-Parlament Ewropew dwar il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin mill-pakkett kif jinsabu hawn taħt:

    a) **Punt ta' riferiment għall-kalibrazzjoni u għas-subordinazzjoni tal-MREL**: il-Parlament Ewropew aċċetta l-approċċ ġenerali tal-Kunsill dment li:

i. soġġett għal valutazzjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, għall-banek tal-Ogħla Livell għandha tapplika l-metrika tal-iskopertura totali għar-riskju (TREA) meta jkunu ntlaħqu ċerti kriterji u b'kont meħud tar-riskju ta' impatti sproporzjonati fuq il-mudelli ta' negozju, mingħajr ma tinżel taħt is-27 % TREA, fejn 8 % tat-total tal-obbligazzjonijiet u tal-fondi proprji (TLOF) iwassal għal rekwiżit ta' subordinazzjoni tal-Pilastru 1 ogħla minn 27 % tat-TREA; limitazzjoni bħal din tar-rekwiżit tal-Pilastru 1 għal 27 % TREA, soġġett għal valutazzjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tkun meħtieġa subordinazzjoni addizzjonali permezz tal-Pilastru 2;

ii. il-kondizzjonijiet, biex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jirrikjedu s-subordinazzjoni tal-Pilastru 2, jitqiegħdu f'ordni ġdid, billi l-ewwel kondizzjoni li tikkonċerna 20 % tal-istituzzjonijiet fl-akbar riskju titmexxa għall-aħħar tal-lista;

iii. "l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tippermetti li l-obbligazzjonijiet jikkwalifikaw bħala ... eliġibbli" fil-kuntest tal-provvediment tad-dejn superjuri.

b) **Moratorju:** il-Parlament Ewropew aċċetta l-approċċ tal-Kunsill li ma tkunx permessa kombinazzjoni ta' moratorji. Il-Kunsill aċċetta prekondizzjonijiet addizzjonali biex ikun impost il-moratorju.

c) **Ammont Massimu Distribwibbli (MDA):** il-Parlament Ewropew aċċetta l-approċċ ġenerali tal-Kunsill, dment li:

i. Fir-rigward tal-BRRD (MDAs marbuta mal-MREL) jinżamm l-approċċ tal-Kunsill, inkluż il-flessibbiltà (bla awtomatiċità), ħlief għall-perijodu ta' grazzja li minn sitt xhur twal għal disa' xhur.

ii. Fir-rigward tas-CRR, inżamm anke l-approċċ tal-Kunsill dwar l-ingranaġġ u l-MDAs ibbażati fuq ir-riskju.

d) **Emendi għad-DFS (Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu):** il-Parlament Ewropew aċċetta l-approċċ ġenerali tal-Kunsill. Żdiedet klawsola ta' reviżjoni, fejn il-Kummissjoni ser teżamina l-eżistenza ta' kwalunkwe lakuna li għandha titranġa 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-BRRD.

e) **Insolvenza:** Il-Kunsill aċċetta l-proposta tal-Parlament Ewropew. L-istituzzjonijiet li qed ifallu jew x'aktarx ifallu, iżda mhumiex soġġetti għar-riżoluzzjoni, ser ikunu likwidati b'mod ordnat skont il-liġi nazzjonali applikabbli. Fl-Artikolu 48(6a) il-ġerarkija tal-insolvenza hija armonizzata.

f) **Fil-livell tal-konsumatur:** il-Kunsill aċċetta l-ambizzjoni tal-Parlament Ewropew li jintroduċi salvagwardji għall-investituri fil-livell tal-konsumatur biex jissottoskrivu strumenti subordinati tat-TLAC/MREL li għadhom kemm inħarġu b'dan il-mod:

   i. L-Istati Membri jingħataw diskrezzjoni biex jirrikjedu waħda minn dawn li ġejjin:

      – Opzjoni A: investituri fil-livell tal-konsumatur b'kapaċità ta' investiment taħt EUR 500,000 jistgħu jinvestu biss ammont inizjali minimu ta' EUR 10,000 f'dawk l-istrumenti li jirrappreżentaw mhux aktar minn 10 % tal-kapaċità ta' investiment tagħhom; jew

      – Opzjoni B: denominazzjoni minima ta' EUR 50,000

   ii. l-Istati Membri iżgħar b'suq anqas likwidu għall-istrumenti subordinati jistgħu jitħallew jimplimentaw ammont ta' investiment inizjali minimu aktar baxx (sa EUR 10,000).

g) **Post ta' oriġini u dak ospitanti u l-punteġġ ta' G-SII:** il-Parlament Ewropew aċċetta l-approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar id-dispożizzjonijiet kollha marbuta mal-post ta' oriġini u dak ospitanti (inkluż il-punteġġ ta' G-SII).

h) **Riskju ta' kreditu:** il-Presidenza qablet ma xi emendi mmirati għar-rekwiżiti tar-riskju ta' kreditu dwar "ċessjonijiet massivi" u self garantit mill-pensjoni u mis-salarju.

Fir-rigward ta' ċessjonijiet massivi, id-dispożizzjonijiet il-ġodda ser jgħinu lill-banek b'livell għoli ta' self improduttiv (NPL) biex jeħilsu minnhom b'impatt limitat fuq ir-rekwiżiti kapitali, soġġett għal ċerti rekwiżiti u fi żmien determinat minn qabel. Dan għandu jagħmilha eħfef għall-banek li jnaddfu l-assi tossiċi minn fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom mingħajr ma jdgħajfu bla bżonn il-kapaċità tagħhom ta' self.

Fir-rigward ta' self garantit mill-pensjoni u s-salarji, kien maqbul li jkunu previsti rekwiżiti għal kapital aktar baxxi għal dan is-self b'kont meħud tar-riskju baxx tagħhom ta' inadempjenza. Speċifikament, ir-rekwiżit kapitali għal dan is-self ser jinżel minn 75 % (skont is-CRR attwali) għal 35 % skont l-approċċ standardizzat, iżda l-Presidenza, għal raġunijiet prudenzjali, qablet dwar għadd ta' salvagwardji u mitiganti tar-riskju.

i) **Proporzjonalità:** iż-żewġ Koleġislaturi qablu li r-rekwiżiti prudenzjali jenħtieġ li jkunu proporzjonali għad-daqs tal-istituzzjoni u, b'mod partikolari, il-piż amministrattiv fuq l-istituzzjonijiet iżgħar jenħtieġ li jitnaqqas kemm jista' jkun. Għal dak il-għan, hija prevista definizzjoni espliċita għal "istituzzjonijiet żgħar mhux kumplessi" u magħha ser ikun hemm rekwiżiti għal anqas rappurtaġġ u żvelar sabiex jitnaqqsulhom l-ispejjeż tal-konformità.

Dwar ir-rappurtaġġ regolatorju b'mod partikolari, l-EBA ser tingħata l-mandat li tiżviluppa standards ta' rappurtaġġ immirat għall-istituzzjonijiet żgħar mhux kumplessi bil-għan jitnaqqsulhom l-ispejjeż ta' rappurtaġġ b'tal-anqas 10 % u, idealment, sa 20 %. Barra minn hekk, l-EBA ser twettaq studju biex tivvaluta l-fattibbiltà ta' sistema ta' rappurtaġġ integrata għall-banek kollha tal-UE li tista' twassal għal aktar żviluppi jekk ir-riżultati tal-istudju jkunu pożittivi.

j) **Proporzjon ta' finanzjament stabbli nett (NSFR):** billi l-NSFR huwa prinċipju ewlieni fir-riformi tal-Kumitat ta' Basel imsemmi hawn fuq, iż-żewġ Koleġislaturi fil-biċċa l-kbira qablu dwar il-kontenut ta' dan ir-rekwiżit il-ġdid. Madankollu, il-Presidenza tirrakkomanda li ċerti emendi mmirati proposti mill-Parlament Ewropew jiġu aċċettati biex is-suq ma jitħarbatx għalxejn. Speċifikament, dawn l-emendi huma marbuta mal-kalibrazzjoni tal-hekk imsejjaħ "ammont ta' finanzjament stabbli" għal ċerti tranżazzjonijiet tas-suq (il-finanzjament tal-kummerċ, il-fatturament, ir-riakkwist u r-retroriakkwist). L-EBA ser tingħata l-mandat li tipproduċi rapporti dwar investimenti f'titoli għal derivati minn hedging u dwar il-likwidità ta' metalli prezzjużi għall-iskopijiet tal-NSFR, anke għall-konsistenza mal-proposti tal-Parlament Ewropew.

k) **Proporzjon ta' finanzjament stabbli nett issimplifikat (sNSFR):** kif propost mill-Parlament Ewropew**,** l-istituzzjonijiet żgħar mhux kumplessi ser jakkwistaw il-vantaġġ li jkollhom verżjoni simplifikata tal-NSFR biex tnaqqsilhom il-piż amministrattiv. Din is-simplifikazzjoni tirriżulta mill-ġbir ta' anqas punti ta' data għal skopijiet ta' kalkolu u rappurtaġġ, iżda l-Presidenza, permezz ta' emendi mmirati għat-test tal-Parlament, żgurat li l-sNSFR jibqa' mill-anqas konservattiv u sikur daqs il-metrika s-sħiħa.

l) **Fatturi ta' appoġġ:** il-Kummissjoni kienet ipproponiet it-tnaqqis ta' ċerti rekwiżiti kapitali b'appoġġ għas-self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lil proġetti ta' infrastruttura bit-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-hekk imsejħa "fatturi ta' appoġġ" għal entitajiet jew attivitajiet bħal dawn.

Il-Presidenza tirrakkomanda l-estensjoni tal-fattur ta' appoġġ eżistenti għal self lill-SMEs f'ammont sa mhux aktar minn EUR 2.5 miljuni (żieda minn 1.5 miljuni). Għall-finanzjament tal-infrastruttura, il-kamp ta' applikazzjoni tal-fattur ta' appoġġ ser jitwessa' biex ikopri tipi addizzjonali ta' proġetti ta' infrastruttura fosthom dawk imwettqa minn konsorzji ta' ditti. Fiż-żewġ każijiet il-Presidenza fformulat il-proposti inizjali tal-PE. Fuq talba tal-PE, ser tkun meħtieġa valutazzjoni mhux vinkolanti ta' dawn il-proġetti.

m) **Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus:** il-Presidenza tirrakkomanda li l-emendi tal-Parlament Ewropew għas-CRD ikunu aċċettati bil-għan li jissaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja (FIUs) u l-awtoritajiet kompetenti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Ser isiru emendi addizzjonali biex tissaħħaħ id-dimensjoni tal-AML fl-għodod prudenzjali rilevanti dwar l-awtorizzazzjoni, il-kontrolli xierqa u tajba u l-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP).

n) **Fondi proprji:** fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-fondi proprji tal-banek (pereżempju l-kapital), il-Presidenza qablet ma' dawn il-bidliet mmirati u fformulati fil-proposta tal-PE:

i. **Investimenti f'sussidjarji tal-assigurazzjoni (il-"Kompromess Daniż"):** huwa previst perijodu tranżizzjonali li għandu jippermetti lill-istituzzjonijiet ma jnaqqsux ċerti tipi ta' investimenti fl-assigurazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2024;

ii. **Ftehimiet ta' Trasferiment tal-Profitt u t-Telf:** ftehimiet bħal dawn ser ikunu rikonoxxuti għal skopijiet ta' trattament ta' fondi proprji fejn ikunu ġew stabbiliti għal skopijiet leġittimi ta' taxxa, is-sussidjarja tkun fl-istess Stat Membru bħall-kumpannija omm u mill-anqas 90 % minnha jkun jappartjeni lilha. Barra minn hekk, il-kumpannija omm ikollha d-diskrezzjoni kollha li tnaqqas il-profitti billi talloka fondi għall-elementi eliġibbli fil-Grad 1 ta' ekwità komuni (CET1), iżda tkun obbligata tikkumpensa għal kollox lis-sussidjarja għat-telf kollu u l-kuntratt jista' jkun itterminat biss wara perijodu ta' notifika ta' sena;

iii. **Impenji ta' Valur Minimu** (MVC) ser ikunu assenjati fattur tal-konverżjoni tal-kreditu (CCF) ta' 20 %;

iv. **Elementi distribwibbli addizzjonali** (ADI): it-test maqbul jippermetti d-distribuzzjoni tal-elementi li huma ristretti skont il-liġi nazzjonali iżda eliġibbli skont is-CRR/CRD;

v. **Softwer:** qed tingħata eżenzjoni mit-tnaqqis ta' ċerti assi intanġibbli ta' softwer mill-elementi ta' fondi proprji dment li l-valur tiegħu jkun imkejjel prudenzjalment u jkun jassorbi t-telf anke f'sitwazzjoni ta' negozju avvjat. Il-mekkanika u d-dettalji ta' kif ma jseħħx dan it-tnaqqis ser ikunu stabbiliti f'RTS tal-EBA.

o) **Pilastru 2/Qafas makroprudenzjali:** il-Koleġislaturi ma qablux mal-objettiv tal-Kummissjoni li r-rekwiżiti kapitali speċifiċi għall-banek jew il-Pilastru 2 ikun ikkonfinat għal skopijiet mikroprudenzjali, jekk ma jkunx abbinat ma' riforma aktar rigoruża tad-dispożizzjonijiet makroprudenzjali jew sistemiċi fis-CRR/CRD. Għaldaqstant, iż-żewġ Koleġislaturi għamlu għadd kbir ta' emendi lill-proposta tal-Kummissjoni biex jagħmlu tajjeb għat-telf fil-flessibbiltà tal-Pilastru 2 li jindirizza r-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi.

L-emendi tal-Koleġislaturi b'rabta mal-Pilastru 2 u r-riskji makroprudenzjali huma, fil-parti l-kbira tagħhom, konsistenti. Madankollu, il-Koleġislaturi kellhom fehmiet daqsxejn diverġenti dwar l-interazzjoni adatta bejn il-qafas il-ġdid tal-Pilastru 2 li huwa biss mikro, id-dispożizzjonijiet dwar il-kapital ta' lqugħ u r-rekwiżiti makroprudenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-grad tal-flessibbiltà li jeħtieġ li jingħata lill-awtoritajiet superviżorji u makroprudenzjali. Bħala kompromess, intlaħaq qbil li għad-disponibbiltà aktar limitata tal-għodod tal-Pilastru 2 tagħmel tajjeb il-flessibbiltà ikbar li jintużaw l-għodod makroprudenzjali implimentati permezz ta' miżuri li ma jkunux armonizzati kompletament fi Stat Membru. Barra minn hekk, il-Presidenza tissuġġerixxi li l-qafas makroprudenzjali jkun soġġett għal rapport komprensiv fit-termini proposti mill-Parlament Ewropew.

p) **Rieżami Fundamentali tal-Portafoll tan-Negozjar:** Il-proposta tal-Kummissjoni li jkunu introdotti rekwiżiti kapitali ġodda għall-attivitajiet ta' kummerċ jew derivattivi tal-banek hija msejsa fuq standard ġdid dwar ir-rekwiżiti kapitali għar-riskji tas-suq introdotti mill-Kumitat ta' Basel f'Jannar 2016. Madankollu, il-verżjoni finali tal-Kumitat ta' Basel għadha pendenti minħabba ċerti irregolaritajiet li nstabu fl-istandard oriġinali u minħabba xi ħidma ta' rikalibrazzjoni li għadha għaddejja. F'dan l-isfond, il-Kunsill introduċa rekwiżiti ta' rappurtaġġ għal dan l-istandard il-ġdid u qabel mal-Kummissjoni Ewropea li l-istandards finali jenħtieġ li jkunu implimentati hekk kif ikunu ffinalizzati f'livell internazzjonali. Il-Parlament Ewropew seta' jiġi konvint dwar il-merti ta' approċċ bħal dan u aċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.

Madankollu, il-Presidenza aċċettat ċerti emendi mmirati rigward ir-rekwiżiti kwalitattivi għall-istituzzjonijiet billi użat id-deroga għal negozji b'portafoll ta' negozjar żgħir, u b'hekk ikkontribwiet għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal dawk l-istituzzjonijiet.

q) **Kumpannija Omm Intermedjarja (IPU):** gruppi bankarji kbar mhux tal-UE b'żewġ istituzzjonijiet sussidjarji jew aktar fl-UE ser jinħtieġu jistabbilixxu kumpannija omm intermedjarja jew IPU biex tikkonsolida l-attivitajiet kollha tagħhom fl-Unjoni taħt dik l-IPU. L-għan huwa li tkun iffaċilitata s-sorveljanza tal-grupp u tiżdied ir-riżolvibbiltà tal-impriżi fil-kamp ta' applikazzjoni. Għalkemm iż-żewġ Koleġislaturi kellhom approċċi pjuttost simili dwar dan, it-test ta' kompromess ser jinkludi l-elementi ewlenin li ġejjin:

i. Il-limitu għandu jkun stabbilit sa €40 biljun f'assi fuq il-karta bilanċjali fl-UE li jinkludu dawk miżmuma minn fergħat f'pajjiżi terzi (kemm dawk ta' istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll ta' ditti ta' investiment).

ii. Ir-rekwiżit ma japplikax awtomatikament għall-Istituzzjonijiet Globali Sistemikament Importanti (G-SIBs) li ma jilħqux dan il-limitu;

iii. L-IPUs jistgħu jkunu stabbiliti bħala ditti ta' investiment skont it-test tal-Kunsill;

iv. ser jingħata perijodu tranżitorju ta' 3 snin;

v. L-EBA ser toħroġ rapport dwar it-trattament ta' fergħat f'pajjiżi terzi fil-liġijiet tal-Istati Membri skont it-test tal-Parlament Ewropew.

r) **Kamp ta' applikazzjoni tas-CRR/CRD:** il-kamp ta' applikazzjoni għall-entitajiet eżentati mis-CRR u mis-CRD ser ikun skont l-approċċ ġenerali tal-Kunsill, jiġifieri, fil-Livell 1 u mhux permezz ta' att delegat kif hemm fit-test tal-Parlament.

s) **Proporzjon ta' Ingranaġġ:** fir-rigward tal-introduzzjoni ta' proporzjon ta' ingranaġġ vinkolanti bħala rekwiżit kapitali ta' garanzija sensittiv u bla riskju kkalibrat skont id-daqs tal-impenji li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ tal-banek, il-Presidenza u l-Parlament Ewropew setgħu jaqblu fuq dawn l-emendi li ġejjin:

i. dwar il-kompożizzjoni kapitali, l-istandards ta' Basel huma regolamentazzjoni żejda u għaldaqstant għandu jinżamm it-test tal-Kunsill;

ii. barra minn hekk, ser ikunu introdotti xi eżenzjonijiet immirati mill-Proporzjon ta' Ingranaġġ għal ċerti entitajiet jew mudelli ta' negozju (għal Depożitorji Ċentrali tat-Titoli li għandhom liċenzja bankarja, soċjetajiet tal-bini, skoperturi tal-bank ċentrali, ċerti banek għall-iżvilupp li fl-istruttura u l-organizzazzjoni tagħhom huma parti indipendenti minn bank kummerċjali, jew skemi ta' protezzjoni istituzzjonali - IPSs).

iii. Minbarra dan, il-kwistjoni tal-hekk imsejjaħ "tiżjin żejjed" jenħtieġ li tkun indirizzata billi tkun aċċettata l-proposta tal-Parlament Ewropew iżda b'emenda għal obbligu ta' rapportar ikkomplementat b'miżuri tal-Pilastru 2, fejn meħtieġ.

**t) Riskji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG):** il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) huma sett ta' standards għall-operat ta' kumpannija li jistgħu jintużaw biex isiru kontrolli fuq investimenti potenzjali mill-perspettiva ambjentali, soċjali u ta' governanza. Il-Parlament Ewropew ippropona li l-EBA tirrapporta dwar kemm ikun xieraq li taħt il-proċessi għall-ġestjoni tar-riskji jkunu riflessi r-riskji finanzjarji marbuta mar-riskji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG). Jenħtieġ li fejn il-banek ikunu skoperti għal riskji bħal dawn, dan ikun rifless adegwatament mis-sistemi u l-proċessi interni tal-banek għall-ġestjoni tar-riskji u ssorveljati tajjeb. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew ippropona rekwiżiti ta' żvelar addizzjonali għal riskji bħal dawn u mandat għall-EBA li tipproduċi rapport dwar it-trattament prudenzjali ta' assi "ekoloġiċi" u "niġġiesa" (b'pieni għal fatturi ta' assi li huma ta' riskju ambjentali). Il-Presidenza tissuġġerixxi li dawn l-emendi jkunu aċċettati mill-Kunsill fit-test ta' kompromess. Madankollu, ir-rapport tal-EBA, b'mod partikolari, jenħtieġ li jsir f'perijodu ta' żmien twil biżżejjed biex jittieħed kont tal-iżviluppi leġislattivi dwar il-finanzi sostenibbli.

## III. KWISTJONIJIET OĦRA FEJN DIĠÀ NTLAĦAQ QBIL

9. Bla preġudizzju għall-prinċipju li jew qbil fuq kollox jew xejn, il-Presidenza u l-Parlament Ewropew qablu wkoll "ad referendum" li jsolvu għadd ta' kwistjonijiet oħra, kif ġej:

**a) Tnaqqis tat-TLAC għall-O-SIIs**: it-test legali ser jinkludi rapport tal-EBA li jevalwa jekk tnaqqis bħal dan huwiex aċċettabbli.

b) **Rata tal-Imgħax fil-Portafoll Bankarju**: intlaħaq qbil li tinżamm il-metodoloġija ssimplifikata proposta fit-test tal-Parlament Ewropew, iżda mirquma biex tiżgura li l-approċċ jibqa' "b'kalibrazzjoni konservattiva" li ma tippermetti l-ebda tnaqqis fir-rekwiżiti tal-kapital, li l-kriterji addizzjonali u l-flessibbiltà għas-superviżuri jkunu implimentati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni għall-banek eliġibbli li jużaw il-metodi aktar sempliċi u li ż-żewġ Koleġislaturi jistgħu jaqblu dwar limitu aċċettabbli reċiprokament, b'kont meħud tal-kunċetti tal-proporzjonalità (pereżempju fil-qasam tal-iżvelar) f'partijiet oħra tal-qafas.

c) **Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti**: il-Parlament Ewropew qabel mat-test tal-Kunsill.

d) **Qbil tranżizzjonali għall-Kmamar tal-Ikklirjar Ċentrali (CCPs)**: kien hemm qbil dwar it-test tal-Kunsill.

e) **Ingranaġġ**: fir-rigward tal-ħlas addizzjonali tal-Proporzjon ta' Ingranaġġ għall-istituzzjonijiet globali sistemiċi (G-SIIs), iż-żewġ Koleġislaturi qablu dwar l-implimentazzjoni tal-istandard ta' Basel dwar l-introduzzjoni ta' żieda ta' riżerva ta' Ingranaġġ. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet l-oħra sistematikament importanti (O-SIIs), kien hemm qbil li l-Kummissjoni tingħata l-mandat li toħroġ rapport dwar kemm ikun xieraq li dawn ikunu soġġetti għal rekwiżiti simili ta' riżerva ta' Proporzjon ta' Ingranaġġ. L-istess fir-rigward tar-restrizzjonijiet MDA għal skopijiet ta' ingranaġġ, kien hemm qbil dwar it-test tal-Kunsill inkluż dwar il-konsegwenzi tal-ksur tal-proporzjon ta' ingranaġġ.

f) **Skoperturi kbar**: il-Parlament Ewropew aċċetta l-approċċ tal-Kunsill dwar:

i. il-garanziji għall-kreditu għall-esportazzjoni;
ii. id-diskrezzjoni nazzjonali għat-tnaqqis tal-valuri tal-iskoperturi tal-proprjetà immobbli;
iii. l-approċċ ta' sostituzzjoni għal tranżazzjonijiet ta' riakkwist.

Il-Kunsill qabel mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-eżenzjonijiet mil-limiti tal-iskoperturi kbar għas-sistemi tas-Saldu b'infrastruttura ta' saldu komuni.

## IV. KWISTJONIJIET PENDENTI

10. Għadd fadal għadd ta' kwistjonijiet pendenti li jridu jiġu indirizzati, b'mod partikolari, ir-rimunerazzjoni, il-garanziji li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali lil CIUs (Intrapriżi għal Investiment Kollettiv), it-trattament tal-attivitajiet kreditizji mhux bankarji jew il-finanzjament ibbażat fuq is-suq.

11. Barra minn hekk, ir-reviżjoni teknika u mill-ġuristi-lingwisti għadha trid issir sabiex it-test legali jsir operattiv u komplet.

## V. KONKLUŻJONI

12. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-COREPER jistieden lill-Kunsill biex japprova r-riżultati tat-trilogi dwar il-kwistjonijiet ewlenin tal-Pakkett Bankarju u dwar il-kwistjonijiet l-oħra, kif jinsabu fit-taqsimiet II u III hawn fuq.